SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 23/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/10/'09** **252**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/10/'09** **306**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Ottubru 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Kien hemm preżenti l-Accountant is-Sur Louis Padovani u l-Perit Stephen Farrugia, MP&DC

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-23 ta' Ottubru 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30/09/09
4. Aġġornament Proġetti

5. Servizz ta' Ġbir ta' Skart
6. Impjegati
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 22/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 22/K6/09.

1.3.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi *Items 3 u 4* qabel *Item 2.*

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Finanzjarju sat-30/09/09**

3.01 Il-Kunsill ġie pprežentat bir-Rapport Finanzjarju sat-30/09/09 (Ara Appendici 'A').

3.02 Is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

3.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Aġġornament Progetti**

4.01 Iċ-Chairman għarraf lill-Kunsill li talab lill-Perit Stephen Farrugia biex jaġġorna lill-Kunsill bill-proġetti.

***Dar għall-Anzjani***

4.02 Il-Perit Stephen Farrugia spjega f'liema stadju wasal ix-xogħol s'issa b'konnessjoni mal-preparazzjoni tad-dokumenti inkluz l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' l-art. Flimkien mas-Sur Louis Padovani, l-accountant tal-Kunsill, ingħatat spjegazzjoni fuq il-'feasibility study' (Ara Appendici 'B'). Ġie spjegat illi dan l-istudju jagħti stampa aktar ċara qabel tinħareġ sejħa għal 'expression of interest for strategic partners' għall-proġett għad-dar għall-anzjani. Il-Perit spjega wkoll li l-commitment finanzjarju tal-Kunsill ser ikun sakemm jintgħażel l-istrategic partner.

4.03 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-Perit ikompli b'kull azzjoni neċessarja biex jitkompla dan il-proġett u jipprovdi aktar kopji tal-'feasibility study report'.

4.04 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fis-6.30p.m.

***Proġett Car Park – fl-area tal-Balluta***

4.05 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed isiru diversi kummenti li m'ħumiex veriteri fuq il-proġett tal-car park fl-area tal-Balluta. Għalhekk ippropona li ssir *press release* fil-gazzetti lokali u fuq il-mezzi tax-xandir u li ssir laqgħa pubblika, biex b'hekk il-pubbliku jiġi nfurmat bid-dettal tal-proġett dwar il-proposti ta' l-immaniġġjar tat-traffiku fil-lokalita' ta' San Ġiljan, fosthom l-area tal-Balluta .

4.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

4.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

***Aċċessibilita' Aħjar fil-Bajja tal-Balluta***

4.08 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-korrispondenza inc. 5051/09 (Ara Appendici 'C), dwar Skema Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet u gibed l-attenzjoni li l-Kunsill ingħata €10,000 għal Aċċessibilita' kompluta għall-Bajja tal-Balluta. Minn dawn € 5,000 diġa ngħataw fl-14 ta' Ottubru 2009 filwaqt li l-bilanċ ser jingħata malli jispiċċa x-xogħol.

4.09 Il-Perit Stephen Farrugia spjega x'jista jsir bil-fondi (€10,000) li l-Kunsill ingħata minħabba li l-proġett kollu stmat €277,645.

4.10 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi bil-fondi li l-Kunsill ingħata jsir aċċess fil-parti ta' fejn hemm it-taraġ.

4.11 Kopja ta' inc. 5051/09 ser tintbagħat lill-Perit.

| | |
|---|---|
| 4.12 | Il-Perit Stephen Farrugia ġie skuzat fis-7 p.m. |

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| **Rif. Nru** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 4540&K1087<br>4676&K1142 | Ittra mingħand il-Peak Insurance Brokers rigward tiġdid tal-Insurance Policy u ittri li ntbagħtu dwar l-istess suġġett. |
| 4541 | Ittra mingħand Ta' Giorni Wolves Football Club rigward għajnuna finanzjarja. |
| 4640, 4641, 4562 & 4800 | Tagħrif u kundizzjonijiet - *Skema: Xogħol fil-Komunita'* (ETC) u assenjar tas-Sur Gaetano Camilleri *(Maintenance)* mal-Kunsill. |
| 4735 | E-mail mingħand il-Bord ta' Evalwazzjoni rigward għoti tal-Fondi – *Skema Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet*. |
| 4821 | Rapport mingħand is-Solid Base Laboratory Ltd. |
| 4920 | E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ġbir ta' skart minn intraprizi kummerċjali fil-lokalitajiet. |
| 4937 | Avviż mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward riklami u *posters* ta' attivitajiet imwaħħal fuq għamara tat-toroq. |
| 5002 | Email mingħand Tumas Group rigward talba sabiex il-*concrete bollards* li hemm fi Triq il-Knisja jitneħħew u jsir *crash barriers*. |
| 5031 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 68/2009 rigward il-Ħinijiet tal-Laqgħat. |
| 5085 | Invoice mingħand Gino rigward siġġijiet nieqsa waqt l-attivita' tal-għoti Ġieħ San Ġiljan. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4541

2.02 B'riferenza għall-ittra mingħand Ta' Giorni Wolves Football Club il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li dawn jagħmlu użu mill-*5-a-side pitch* li hemm fil-Ġnien Dun Anton Sciberras f'Ta' Giorni, darbtejn fil-ġimgħa għal siegħa kull darba u ġie deċiż unanimament illi jingħataw €466 biex jinxtara s-servizz ta' coach biex jittrejna liż-żgħżagħ.

Rif. Nru. 5002

2.03 B'riferenza għall-email mingħand Tumas Group, dwar talba biex il-*concrete bollards* li hemm fi Triq il-Knisja jitneħħew u jsir *crash barriers* ġie deċiż unanimament illi s-Sindku s-Sur Peter Bonello jiltaqa' ma' rappreżentant tagħhom sabiex jara għal-liema tip ta' *crash barriers* qed jirreferu.

Rif. Nru. 5085

2.04 B'riferenza għall-invoice li l-Kunsill irċieva mingħand Ġino, ġie deċiż unanimament li din titħallas.

## 5 Serviżż ta' Ġbir ta' Skart

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'schedule li turi min tefa' l-offerti għall-Ġbir ta' Skart ta' l-Emerġenza (Ara Appendici 'D').

5.02 Wara diskussjoni l-Kunsillier Ronald Agius ippropona li tingħażel l-offerta ta' Velljo Services u li jigi kkjarifikat li t-tbattil ta' l-iskips jinkludu l-Ħdud u festi pubbliċi .

5.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6 Impjegati

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet impjegata Ms Marilyn Cassar biex jimtela' il-post vakanti ta' *full-timer* u li din ser tingħata minimu ta' Skala 15 b' increments sakemm tilħaq il-massimu ta' l-iskala. Ġew impjegati wkoll Ms Josianne Magri u Ms Cher Carmen Fenech bhala *part-timers*. Dawn ser jaħdmu madwar 33 siegħa u nofs fil-ġimgħa jew skont il-bżonn.

6.02 Saret talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex waħda mill-part-timers tiġi mpjegata fuq bażi full-time filwaqt li waħda mill-

persuni li qed jinxtara s-servizz tagħha tiġi mpjegata fuq bazi *part-time*.

6.03 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni

6.04 Il-Kunsillier Ronald Agius ġie skuzat fis-7.35p.m.

**7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2724 sa 2748 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

8.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2724 sa 2748.

8.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**9 Materji Oħra**

9.01 Ġie deċiż li:-

- Il-Public Cleansing Services Department jigi nfurmat li fil-lokalita' hemm ħafna ħaxix ħażin.
- tinġabar kwotazzjoni għal 'grass cutter'

9.02 Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-Awtorita' Dwar it-Trasport minħabba li ż-żebra crossing ta' quddiem il-Wembley Car Hire fi Triq San Ġorġ

hija perikoluza u biex jigi rrakkomandat li jsir central strip fi Triq Ross.

9.03 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill illi:-

- għas-‘self funding activity’ li saret fis-7 ta’ Ottubru 2009, għall-Mellieha u l-Manikata, attendew 76 persuna.
- Ser issir ‘self funding activity’ ohra fil-15 ta’ Novembru 2009 għall-Festa ta’ San Martin.

9.04 B’riferenza għat-tabella ta’ Un/loading fi Triq San Ġorġ faċċata ta’ C&M Ironmongery, għandu jigi vverifikat jekk hemmx approvazzjoni ta’ l-ADT biex din issir u jekk hemm il-ħin isir mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

9.05 Ġie deciż li tigi rranġata l-bankina fi Triq il-Baltiku.

9.06 Il-Kunsill ġie nfurmat illi sar transfer ta’ €50,000 mill-BOV għall-HSBC biex setgħu jitħallsu xi kontijiet.

9.07 B’ riferenza għall-attivita’ tal-Lampuki Fest il-Kunsill ġie nfurmat li nxtraw 40 fjakkola għall-prezz ta’ €2.51 il-waħda għas-spejjez tal-Kunsill.

9.08 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ser issir applikazzjoni lill-HSBC għal ‘Enquiry Service’ ta’ l-*internet banking*.

9.09 Ġie deċiz unanimament li tingħata s-somma ta’ €116 lil min kien inkarigat għas-servizz li ngħata biex ittellgħu l-arbli u l-bandalori waqt l-attivita’ tal-Lampuki Fest.

9.10 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-8:15p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Esekuttiv** |